**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 07 ta' Lulju, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Abul Azizi Al**
**Mohamed Adris**
**Hajo Elnour**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Abul Azizi Al** ta' 20 sena, Nazzjonalita Sudaniza, iben Ali u Howa, imwieled Kartun – Sudan nhar il-15 t' Awissu, 1999 u prezentament bla indirizz u detentur ta' Numru tal-Pulizija 18K-050;

**Mohamed Adris** ta' 27 sena, Nazzjonalita Sudaniza, iben Adris Ali u Makka, imwieled Nuba - Sudan nhar is-6 ta' Dicembru, 1993 u prezentament residenti gewwa Hal-Far Open Centre u detentur ta' Numru tal-Pulizija 19BB-003;

**Hajo Elnour** ta' 31 sena, Nazzjonalita Sudaniza, iben Elnour u Fouzia, imwieled Sudan nhar it-03 ta' Novembru, 1995 u prezentament bla residenza u detentur ta' Numru tal-Pulizija 19BB-065;

Akkuzati talli nhar is-6 ta’ Lulju, 2020, ghal habta tas-sitta tal-filghodu f’dawn il-gzejjer bħala persuni illi imbarkaw jew żbarkaw, minn jew ġo Malta naqsu illi jkollhom passaporti u naqsu illi jagħtu lill-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstabu hatja l-imputati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali netta taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 38 u 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom tlett (3) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**